2023/2908

22.12.2023

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2908

tat-12 ta' Ottubru 2023

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 fir-rigward tal-volumi ta' preparazzjonijiet tal-ikel, gambli pproċessati tal-ispeċi *Pandalus borealis* u ċertu plywood ta' speċijiet koniferi li jistgħu jiġu importati taħt il-kwoti tariffarji 09.0013, 09.0047, 09.0088 u 09.0096

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Komunità marbutin fil-GATT u ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità oħra u li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-aġġustament tal-kwoti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1808/95 ([1]), speċjalment l-Artikolu 10a tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994, relatat mal-modifika ta' konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE b'konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea ([2]), ("Il-Ftehim"), approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/912 ([3]), jemenda ċerti kwoti tariffarji għall-aringi fir-rigward tal-volumi ta' prodotti li għandhom jiġu importati. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fil-2 ta' Mejju 2023 ([4]). Dawk l-emendi jenħtieġ li jiġu riflessi fir-Regolament (KE) Nru 32/2000.

(2) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 32/2000 jiġi emendat skont dan.

(3) Minħabba l-ħtieġa urġenti biex jiġi implimentat il-Ftehim, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Peress li l-emendi magħmula minn dan ir-Regolament japplikaw għall-perjodi tal-kwota tariffarja li jkunu għaddejjin fil-jum tad-dħul fis-seħħ tiegħu, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet tranżitorji għal dawk il-perjodi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 32/2000

It-Tabella għall-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 32/2000 hija emendata kif ġej:

(a) fir-ringiela għan-numru tas-serje 09.0013, fil-kolonna intitolata "Volum tal-kwota", il-volum "482 648 m³" huwa sostitwit b'"448 500 m³";

(b) fir-ringiela għan-numru tas-serje 09.0047, fil-kolonna intitolata "Volum tal-kwota", il-volum "474 tunnellata" huwa sostitwit b'"500 tunnellata";

(c) fir-ringiela għan-numru tas-serje 09.0088, fil-kolonna intitolata "Volum tal-kwota", il-volum "702 tunnellati" huwa sostitwit b'"783 tunnellata";

(d) fir-ringiela għan-numru tas-serje 09.0096, fil-kolonna intitolata "Volum tal-kwota", il-volum "831 tunnellata" huwa sostitwit b'"1 286 tunnellata".

([1]) ĠU L 5, 8.1.2000, p. 1.
([2]) ĠU L 119, 5.5.2023, p. 3.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/912 tal-25 ta' April 2023 dwar l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tar-rati tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 119, 5.5.2023, p. 1).
([4]) ĠU L 135, 23.5.2023, p. 52.

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet ta' tranżizzjoni għall-perjodi attwali tal-kwota tariffarja

1. Il-volumi disponibbli għall-bqija tal-perjodi tal-kwota tariffarja li għadhom għaddejjin fit-22 ta' Diċembru 2023 għandha tkun id-differenza bejn il-volumi tal-kwota kif emendati b'dan ir-Regolament u l-volumi tal-kwoti diġà allokati qabel dik id-data.

2. Fil-każ ta' żieda fil-volum, jekk, fit-22 ta' Diċembru 2023, il-kwoti applikabbli fil-21 ta' Diċembru 2023 ikunu ġew eżawriti, il-volumi tal-kwoti l-ġodda disponibbli għandhom jiġu allokati lill-operaturi skont l-ordni kronoloġika tad-dati ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali tagħhom għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera. Operaturi li importaw il-merkanzija tagħhom barra mill-kwota qabel it-22 ta' Diċembru 2023 għandhom jiġu rimborżati, fuq talba tagħhom u sa fejn il-bilanċ tal-kwota tariffarja jippermetti dan, id-differenza fid-dazju diġà mħallas.

3. Fil-każ ta' tnaqqis fil-volum, jekk, fit-22 ta' Diċembru 2023, għall-kwota applikabbli fil-21 ta' Diċembru 2023, volum ogħla mill-volum tal-kwota kif emendat b'dan ir-Regolament ikun ġie rilaxxat għaċ-ċirkolazzjoni libera, l-operaturi ma għandhom ikunu meħtieġa jħallsu l-ebda dazju addizzjonali għall-volumi fil-kwota importati li jaqbżu l-volum ġdid disponibbli.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ottubru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN